# PROGRAMM
# TAL-FESTI SOLENNI

F'ĠIEH

# IL-MADONNA TAL-GILJU

## Fil-Parrocca tal-Mqabba

MID-9 SAS-17 TA' MEJJU, 1982

★ 1 9 8 2 ★



★ 1 9 8 2 ★

Maħruġ: MIS-SOĊJETA' TAL-ĠILJU
MQABBA

# MESSAGG MILL-PRESIDENT:

## IL-FESTA T-TAJBA LIL KULHADD

Bil-kelma 'Festa' ma rridx nirreferi biss għal-ġurnata tas-16 ta' Mejju 1982. L-ispirtu tal-Festa nibdew inħossuh minn ferm qabel din id-data. Għalkemm, l-entużjażmu u l-ferħ li taf iġġib magħha din il-Festa tant għażiża, jilħqu l-quċċata tagħhom matul din il-ġimgħa.

M'għandniex għalfejn niskoraġixxu ruħna jekk forsi t-temp mhux dejjem ikun kif nixtiequh. Għaddejna minn diversi esperjenzi b'kull xorta ta' diffikultajiet naturali. Wara kollox dejjem irnexxielna nilħqu l-għan prinċipali tagħna: dak li nqimu u nonoraw lill-Verġni Marija. Nisperaw, jekk Alla jrid, li din is-sena n-natura tkun aktar ħanina magħna.

F'din is-sena l-Kumitat kompla żied fil-ħidma bil-għan li s-SOĊJETA' MUŻIKALI TAL-ĠILJU tkompli tissaħħaħ u timxi 'l quddiem. Fost affarijiet oħra saru xi estensjonijiet fil-kmamar tan-nar, bidu ta' modernizzazzjoni tal-Botteg'n tal-Każin, etc. Il-Kumitat ħabrek ħafna wkoll b'diskussionijiet diversi mal-Kurja Arċiveskovili dwar xi problemi li għandna u b'sodisfazzjon għal kulħadd imxejna ħafna 'l quddiem.

Is-Soċjeta' għandha Kumitat żagħżugħ u ħabrieki li għalkemm nieqes mill-esperjenza dejjem affronta kull problema b'kuraġġ u determinazzjoni. Ta dan jiena f'isem is-Soċi u l-Partitarji kollha nirringrazzjhom. Xejn anqas irrid minn qalbi nizziħajr lil ħafna Soċi u Partitarji li minn jeddhom ħadmu ferm matul din is-sena, u li mingħajr ix-xogħol siewi tagħhom ma kienx ikun possibli għal-Kumitat li jilħaq l-għannijiet tiegħu.

Fl-aħħarnett, nappella lill-Partitarji biex fil-jiem tal-Festa nkunu raġjonevoli u prudenti fl-imġieba tagħna għax il-Festa tiġi biex nifirħu u nferrħu.

JOE ZAMMIT

11, Pjazza tal-Knisja,
Mqabba.

WERREJ


| | Paġna |
|---|---|
| Messaġġ mill-President ... ... ... | 1 |
| Kelmtejn mis-Segretarju ... ... ... | 3 |
| Kelma tal-Kappillan | 4 |
| Il-Kwadru tal-Kunċizzjoni ... ... ... | 6 |
| Programm ... ... | 8 u 9 |
| Kumitat ... ... ... | 10 |
| Poeżija ... ... ... ... | 11 |
| Rendikont ... ... ... | 12 |
| Programm tan-Nar | 13 |
| Opri Ġodda ... ... | 15 |
| Sehem il-Baned Mistiedna ... ... ... | 16 |
| Il-Banda Lily ... | Qoxra |



BOARD EDITORJALI:

MEMBRI:— B. Briffa, T. Farrugia, J. Abdilla u M. Dingli.

**Il-Bord Editorjali jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li għenu biex dan il-Ktejjeb seta' jsehh, speċalment lil dawk li għoġobhom jirreklamaw f'dan il-Ktejjeb — GRAZZI HAFNA.**

# KELMTEJN MIS-SEGRETARJU:

Hbieb, sħabi Partitarji, reġgħet għaddiet sena oħra w il-Festa qegħda magħna. Il-ħarġa ta' dan il-Programm saret xi ħaġa fina u naf li tkunu qed tistennewh. Ċertament dan il-programm huwa mħejji b'għaqal kbir. Ta' dan jien nirringrazzja lil kull min jifforma parti fit-twettieq tiegħu.

Bħala Segretarju tas-Soċjeta' tal-Ġilju w il-Banda Lily nixtieq inwassal ir-ringrazzjamenti tiegħi lill-Partitarji kollha b'mod partikulari lil dawk li għenu matul din is-sena fit-tmexxija tagħna lejn dan il-jum tant mistenni.

Ma rridx ninsa wkoll infakkar lis-Soċi u l-Partitarji kollha sabiex jgħinu lill-Kumitat fl-armar tal-Festa u li fil-jiem tal-Festa jikkoperaw mal-Kumitat sabiex kemm jista' jkun nevitaw li nin'ilfu f'piki w insulti żejda.

Nagħlaq billi nirringrazzja lill sħabi tal-Kumitat ta' l-għajnuna tagħhom u nagħti l-Festa t-Tajba mimlija ferħ u hena lill-Imqabbin kollha u flimkien intennu:

VIVA L-MADONNA TAL-ĠILJU

VIVA L-BANDA LILY.

JOE ABDILLA

---


**GULIA'S BAZAAR**

(Ġulja Falzon)
MISRAH FIDWA
MQABBA.
Tel. 828512

Issibu:

HWEJJEĠ TAT-TFAL, TOYS,
AFFARIJIET UTILI GHAD-DAR,
FAJJENZA, etc.

TRUST YOUR HAIRDRESSER.........
HER SPECIAL SECRET.........
NATURAL STYLING METHOD.........

Only your Hairdresser can give you that Special Hair Style
FOR LONG LASTING STYLE CONTACT:

**STYLES SALON**

13, ST. CATHERINE STR. — MQABBA

# IL-KELMA TAL-KAPPILLAN:

Fost il-bnedmin kollha li kienu jistennew bil-ħerqa l-Miġja tal-Salvatur, Marija kienet l-aktar waħda li stennietu bil-fidi u b'qalb l-aktar SAFJA, għax kienet ser tilqgħu fi ħdanha.

Kien l-istess Salvatur li ħeles lil Marija minn kull tebgħa tad-dnub tannisel ... privileġġ li ebda mara oħra ma gawdiet.

Għalhekk Marija hija dik l-Omm Verġni ta' Ġesu', "il-Verġni tal-Verġni", dik li hi "Kollha Sabiħa". Safja fil-ħsieb u f'kollox, safja qabel, fit-twelid ta' Binha u wara, dik li għexet pura fiż-żwieġ minħabba l-konsagrazzjoni tagħha lill Alla.

Kieku nixtarru ftit dan il-kliem u nifhmuh bis-serjeta', kemm għandna għax inħobbu lill-Madonna ... u kemm għandna nippruvaw iżjed ngħixu l-ħajja safja li għexet Hi.

Il-kotra tal-Imqabbin jippruvaw jagħmluh dan u għalina l-Madonna għandha mħabba speċjali. Imma kemm jiddispjaċiha għal dawk li jqimuha b'devozzjonijiet esterni biss, għall-prużuntużi li jgħidu li jħobbuha, iżda jgħixu fid-dnub, għall-inkostanti li jħobbuha meta jogħġob lilhom biss, għall-ipokriti li jgħidu li jħobbuha, iżda xejn ma jfittxu li jixbħuha, għall-interessati li jfittxuha fi bżonnijiet tad-dinja biss u jinsew li hi l-Omm Spiritwali tagħna lkoll.

J'Alla kull Festa li niċċelebraw fir-raħal tressaqna aktar lejn Marija u nsiru nixbħuha dejjem aktar fis-safa', fil-qdusija, fl-umilta' u fl-imħabba lejn l-oħrajn.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.

Fr. Willie — KAPPILLAN

---


**PRIME BACON Co. Ltd.**

**Member of the J. & L. Muscat Group.**
**MGIERET ROAD — MARSA.**
**Tel: 22291/2**

Producers:

PRIME WILTSHIRE-CURE BACON & HAMS
ENGLISH TYPE PORK & BEEF SAUSAGES
Awarded the Malta Government Board of Standards Award:

**"Flower Mark"**

For: 1. Quality.
2. Purity.
3. Hygiene.



# IL-KWADRU TAL-KUNCIZZJONI FIL-KNISJA PARROKKJALI TAGHNA

Fil-Knisja tar-raħal insibu artal dedikat lil Marija Mnissla Bla Tebgħa. Mota fi żmien il-gwerra l-bombi ta' l-għadu ġarrfu l-Knisja, l-artal ta'-Kunċizzjoni tfarrak kompletament. Għalhekk wara l-gwerra Dun Ġużepp Xuereb, Prokuratur tal-Festa ħaseb biex jagħmel Kwadru addatat għal fuq l-artal li kien inbena mill-ġdid.

(ikompli f'pagna 13

# 1982 ★ Festa tal-Madonna

PROG

## FUNZJONIJIET FIL-KNISJA

IL-HADD, 9 TA' MEJJU:

11.30 a.m. Hruġ tal-istatwa artistika tal-Madonna tal-Ġilju minn niċċa.

IL-HAMIS, 13 A' MEJJU:

7.00 p.m. Quddiesa Kantat bil-priedka minn Patri Adrian Cachia. Wara jkun hemm Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

IL-ĠIMGHA, 14 TA' MEJJU:

7.00 a.m. Quddiesa Kantata.
7.00 p.m. Kollox bħal jum ta' qabel.

IS-SIBT, 15 TA' MEJJU — LEJLET IL-FESTA

7.00 a.m. Quddiesa Kantata.
5.30 p.m. Għasar solenni bil-vuċijiet, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
7.00 p.m. Quddiesa tal-Preċett tal-Hadd.

IL-HADD, 16 TA' MEJJU — JUM IL-FESTA

5.30 a.m. Quddiesa Letta.
7.00 a.m. Quddiesa Letta.
8.00 a.m. Kant tal-Lawdi.
8.30 a.m. Quddiesa Kantata solenni bil-mużika, fejn wara l-Evanġelju, il-Wisq Rev. Kan. John Borg jinseġ Paneġierku ta' tifħir lill-Omm-mna Marija taħt it-titlu tal-MADONNA TAL-ĠILJU.
10.30 a.m. Quddiesa Letta.
11.30 a.m. Quddiesa Letta.
6.30 p.m. Għasar Solenni bil-mużika. Wara toħroġ il-Purċissjoni bl-istatwa artistika tal-MADONNA TAL-ĠILJU. Mad-dħul tal-Purċissjoni ssir Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

N.B. 1. Lejlet il-Festa kemm filgħodu kif ukoll wara nofs in-nhar ikun hemm Konfessuri barranin għal-Qrar. Inħeġġu lill-Imqabbin kollha biex jersqu lejn il-qrar u t-Tqarbin fil-jiem tal-Festa.

2. Il-mużika fil-jiem tal-Festa tkun taħt id-direzzjoni tal-Maestro di Cappella F. Diacono. Fl-għasar ta' jum il-Festa jieħu sehem il-Kor taż-Żejtun taħt it-tmexxija ta' Joe Caruana.

IL-KAPPILLAN

a tal-Gilju, Mqabba ★ 1982

GRAMMA

## FESTI ESTERNI

**IL-HADD, 9 TA' MEJJU:**

11.30 a.m. Hruġ ta' l-istatwa artistika tal-MADONNA TAL-ĠILJU minn-niċċa.

8.30 p.m. Mixgħela tal-Każin tas-SOĊJETA' MUŻIKALI TAL-ĠILJU.

**IL-HAMIS, 13 TA' MEJJU:**

8.30 p.m. Mixgħela tar-raħal. Wara l-funzjoni fil-Knisja ssir il-preżentazzjoni ta' Standard Sekond Ġdid tal-Banda mis-Sur Menu Vella quddiem il-Każin tas-Soċjeta' w it-tberik tal-istess Standard mill-Wisq Rev. Dun WILLIE VELLA, Kappillan tar-raħal. Wara l-Banda Lily tiftaħ il-Festi b'marċi mat-toroq tar-raħal. Il-marċ jibda minn ħdejn il-Housing Estate.

**IL-ĠIMGHA, 14 TA' MEJJU:**

8.30 p.m. Mixgħela ġenerali. Il-Banda Sta. Katerina taż-Żurrieq takkumpanja l-istatwa tal-Madonna b'marċi mat-toroq tar-raħal. Malli l-istatwa tasal fil-pjazza tindaqq l-Ave Maria u titella' fuq il-pedestal. Il-marċ jibda minn Valletta Road.

**IS-SIBT, 15 TA' MEJJU — LEJLET IL-FESTA**

8.30 p.m. Mixgħela tar-raħal. Il-Banda Lily tagħmel marċ brijuż mat-toroq tar-raħal b'akkumpanjament tal-Partitarji, fejn wara tesegwixxi programm Mużikali fil-pjazza.

**IL-HADD, 16 TA' MEJJU — JUM IL-FESTA**

12.30 p.m. Il-Banda Lily tagħmel il-marċ tradizjonali tagħha mar-raħal, bis-sehem brijuż tal-Partitarji tagħha. Il-marċ jibda minn Diamond Jubilee Sqr.

6.00 p.m. Il-Banda Duke of Connaught ta' B'Kara tagħmel marċ minn Triq il-Parroċċa sal-pjazza.

6.30 p.m. Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq tagħmel marċ minn Triq Sta. Katerina sal-pjazza. Mal-ħruġ ta' l-istatwa tindaqq l-Ave Marija u x'ħin tasal quddiem il-Każin tas-Soċjeta' Mużikali tal-Ġilju, il-Banda Queen Victoria tesegwixxi 'INNU LIL MADONNA TAL-ĠILJU', versi ta' Dun F. Camilleri u mużika ta' Mro. J. Darmanin. — Jieħu sehem il-Kor.

**IT-TNEJN, 17 TA' MEJJU:**

12.30 p.m. Tibda x-xalata minn quddiem il-Każin.

8.30 p.m. Programm ta' Varjeta' fis-sala tal-Każin mill-Kumpanija 'NICE' ta' Bormla.

Il-Kumitat jixtieq jirringrazzja lil Karmena Mifsud għal ġbir li tagħmel bieb bieb għan-nom tas-SOĊJETA' MUŻIKALI TAL-ĠILJU.

Għall-Programm tal-Logħob tan-Nar ara Paġna 13.

IL-KUMITAT

# SOCJETA' MUZIKALI TAL-GILJU

IL-KUMITAT 1982

**PRESIDENTI ONORARJI**

MENU VELLA
SAVER ABDILLA
ĠAKBU BARBARA

**PRESIDENT**

Joe Zammit

**V. PRES'DENT**

Charles Sacco

**SEGRETARJU**
Joe Abdilla

**ASS. SEGRETARJU**
Benny Dingli

**KAXXIER**
Benny Briffa

**ASS. KAXXIER**
Teddy Farrugia

**MEMBRI**

Charles Azzopardi
Charles Camilleri
Joe Gauci
Joseph Tonna
Amabile Barbara
Tarcisio Dingli
Lolly Magro

**DIRETTUR TAL-BANDA**

Mro. Jos. Tonna A. Mus. L.C.M.

**DIRETTUR SPIRITWALI**

P. Karm Zammit O. P.

**DELEGAT TAL-BANDA**
John Farrugia

**DELEGATI TAL-POST TAN-NAR**
Tarcisio Dingli
Amabile Barbara

**ARKIVISTA**
Lolly Magro

**RIVIŻURI**
Joe Azzopardi
Julio Sacco

---

**BEECH-NUT**
THE LEADER IN BABY NUTRITION
CHARLES DARMANIN & CO. LTD.
32 St. Paul Str. — Valletta.

SAFARI

## LILL-MADONNA TAL-ĠILJU
## FL'IMQABBA

Inselmulek oh Omm tagħna
Inselmulek bl-akbar ġieh
Għaliex f'qalbek aħna sibna
L-isbaħ hena tas-smewwiet.
Dit-tislima lilek nagħtu
Biex ma l-anġli nfaħħruk
U biex lilek O Sultana
l-ogħla qima 'lkoll nagħtuk.

Qlubna ntuk ilkoll Marija
Biex iżżommna 'lkoll ħenjin
Niotlbuk, int saltan fuqna
Biex noħorġu rebbieħin.
Ibqa' magħna qatt titlaqna
Ftakar fina msejknin
Għasses fuqna Int mis-sema
Int Reġina tal-bnedmin.

Jien nixtieq nurik li nħobbok
U kulħadd miegħi wkoll
Omm min tagħna nistqarruk
Nagħtuk qima b'qalbna lkoll.

Itfa' ħarstek il-ħanina
Kif aħna lkoll miġburin
Fik naraw il-mixja tagħna
Li tmexxina ferħanin
Għalhekk aħna llum ninsabu
F'dawn il-ġranet ferriħin
Qima 'lkoll lilek ingħatu
Speċjalment aħna l-Imqabbin.

Nitolbuk, għalhekk Marija
Biex l-għajnuna fis tagħtina
U għal dejjem ħenn għalina
Għaliex int qalbek ħanina.
Tkun imbierka mela dejjem
Int imnissla mingħajr ħtija
Taħt it-titlu minn tal-ĠILJU
Lilek ngħatu kull foħrija.

Illum Marija nitolbok
Tieħu l-qalbi ħa tkun tiegħek
Fik jien nagħtu lejk imħabbti
U fil-ġenna niġi miegħek.

JOE ABDILLA
F'Jum il-Festa
16 ta' Mejju, 1982

Book your Wedding and Engagement Photos & Movies in Colour
at:
**AGIUS PHOTO STUDIOS**
3c St. Sebastian Str., Qormi. Tel: 47009
136a, Paola Sqr. Paola. Tel. 826270
Booking personally yourself at our Studios will save you money
VERY MODERATE PRIZES — 2 ENLARGEMENTS FREE
Passport size Photos in few Seconds — Free Film Service

Book early for your Weddings, Baptisms, Parties, etc.
**BARON Confectionary**
MQABBA BRANCH
Call at: MQABBA BY-PASS — MQABBA
**Target**
TEL: 827790.

# FESTA TAL-MADONNA TAL-GILJU – 1981
# RENDIKONT TAL-FESTA FIL-KNISJA

**DHUL:**

| | |
|---|---|
| Bilanċ tas-sena ta' qabel ... ... ... ... ... ... ... ... | 123.18,2 |
| Ġbir b'-envelopes ... ... ... ... ... ... ... ... | 314.86,0 |
| TOTAL | 438.04,2 |

**HRUĠ:**

| | |
|---|---|
| Orkestra/Kor ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 103.00,0 |
| Punterija u Servizzi diversi ... ... ... ... ... ... ... | 92.75,0 |
| Programmi ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 20.00,0 |
| Vuċijiet u Organista ... ... ... ... ... ... ... ... | 35.75,0 |
| Qniepen, Anterni u Standardi ... ... ... ... ... ... | 15.00,0 |
| Armar fil-Knisja ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 15.00,0 |
| Xemgħa ta'-Artali, eċċ ... ... ... ... ... ... ... | 15.00,0 |
| Dawl fil-Knisja ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 12.00,0 |
| Trasport ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 12.00,0 |
| Fjuri ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 7.50,0 |
| Envelopes ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 2.00,0 |
| Xorb ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 1.75,0 |
| Permessi ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 1.00,0 |
| TOTAL | 333.25,0 |

DHUL £M438. 04,2
HRUĠ £M333. 25,0
BILANĊ £M104. 79,2


**OXFORD PHOTOS STUDIO**

**PJAZZA PAOLA — PAOLA — TEL: 28069**

SPEĊJALISTI F'RITRATTI GĦAL:

1. TIĠIJIET U OKKAŻJONIJIET OĦRA.
2. RITRATTI FL-ISTUDIOS TAGĦHOM.

Issibu wkoll:

Projectors — Cameras — Albums — Calculators — Frames — Sound Films — Radio Cassettes

**LINDA STORE**

**MONS. P.P. SAYDON STR., ZURRIEQ — Tel: 827215**

FEJN ISSIBU DAK KOLLU LI JKOLLKOM BŻONN GĦAD-DJAR BI PREZZIJIET MODERATI U SERVIZZ MILL-AĦJAR.

**SKONT SPEĊJALI GĦAL ĦLAS FIL-PRONT ĦLAS BIN-NIFS AĊĊETTAT.**

# PROGRAMM TA' LOGHOB TAN-NAR GHALL-FESTA TAL-MADONNA TAL-GILJU, 1982

**IL-HADD, 9 TA' MEJJU:**

11.30 a.m. Mal-ħruġ ta' l-istatwa minn-niċċa ikun hemm sparar ta' musketterija, kaxxa nfernali u murtali.

**IL-HAMIS, 13 TA' MEJJU:**

10.00 p.m. Hruq ta' murtali u kaxxa nfernali.

**IL-ĠIMGHA, 14 TA' MEJJU:**

10.00 p.m. Hruq ta' murtali u Kaxxa nfernali. Wara jkun hemm logħob tan-nar ta' l-art.

**IS-SIBT, 15 TA' MEJJU — LEJLET IL-FESTA:**

7.00 p.m. Waqt l-Ave Maria jkun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxa nfernali u murtaletti.

9.45 p.m. Hruq ta' murtali tal-Beraq Pront u murtali tal-Kulur.

10.45 p.m. Esebizzjoni ta' logħob tan-nar Mekkanizzat u Artistiku kbir fil-pjazza tal-Knisja.

**IL-HADD, 16 TA' MEJJU — JUM IL-FESTA:**

7.00 p.m. Wirja ta' Murtali u Murtaletti bil-logħob.

7.30 p.m. Mal-ħruġ ta' l-istatwa ħruq ta' Salut u Kaxxa Nfernali. Matul il-Purċissjoni jkun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxi nfernali, murtaletti u settijiet bil-logħob, murtali tal-Beraq Pront u tal-Kulur u kaxxa tal-Kulur

Il-Logħob tan-Nar huwa maħdum kollu mill-membri tal-Għaqda tan-Nar tal-Ġilju — Mqabba. Il-Kumitat jirringrazzja lil dawn id-dilettanti li b'tant sagrifiċċi ħadmu matul is-sena kollha biex jipprovdu spettaklu xieraq f'isem is-SOĊJETA' MUŻIKALI TAL-ĠILJU.

VIVA L-MADONNA TAL-ĠILJU

---

Wara konsultazzjonijiet mal-Kurja, Dun Ġużepp qabbad lill-pittur famuż taljan Gleto Luzzi biex jagħmel abbozz, fejn wara li ntogħġob inbeda x-xogħol fuq l-oriġinal. Jingħad li x-xbieha tal-Madonna saret fuq bint il-pittur stess. Meta tlesta x-xogħol fuq il-kwadru kien jonqos biss kif se jitħallas. L-awtoritajiet Ingliżi ma kienux iħallu flus joħorġu mill-pajjiż bla bżonn.

Dun Ġużepp għeleb din il-problema billi sab żewġ persuni: wieħed li kien lest li jħallas għal pittura w ieħor li mar l-Italja bil-flus. Dan ta' l-aħħar għadda l-flus lis-Sorijiet Franġiskani Taljani biex dawn iħallsu lill-pittur Gleto Luzzi. Il-kwadru wasal Malta f'Awissu tal-1949 u nġieb fl-Imqabba aktar tard. Il-pittura ġiet tiswa mitt lira.

Il-kwadru ġie mbierek nhar it-8 ta' Diċembru 1949 fil-Festa solenni ta' l-Immakulata Kunċizzjoni.

*(jaqbad ma' paġna 6*

# SEHEM MILL-BANED MISTIEDNA

Il-Ġimgħa, 14 ta' Mejju:
BANDA STA. KATERINA — ŻURRIEQ

Sett ta' Marċi

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Planċier Artistiku . . . | S. Galea & P. Arnaud |
| 2. | 250 sena ilu . . . . . . . | Mro. O. Cachia |
| 3. | Il-Kumitat 1955/56 . . | Mro. J. Mamo |
| 4. | La Vincitrice . . . . . . | Mro. A. Coleiro |
| 5. | 25 sena . . . . . . . . . . | Mro. E. Deguara |
| 6. | Alexandria . . . . . . . | Mro. C. Caruana |
| 7. | Lill-Kumitat . . . . . . . | Mro. A. Coleiro |
| 8. | Padruna taż-Żurrieq . . | Mro. N. Mifsud |
| 9. | Allessandrina . . . . . . | Mro. A. Pace |
| 10. | La Bella Padrona . . . . | Mro. P. Schembri |

Direttur tal-Banda
Mro. E. Deguara

---

Il-Hadd, 16 ta' Mejju — JUM IL-FESTA

BANDA QUEEN VICTORIA — ŻURRIEQ

Programm Mużikali

| | | |
|---|---|---|
| 1. Innu | Madonna tal-Ġilju | **J. Darmanin** |
| 2. Sogno | Addio Amore | **A. Gatt** |
| 3. Selection | Aida | **G. Verdi** |
| 4. Intermezzo | Tails of Hoffman | **Offenbach** |
| 5. Innu | Queen Victoria | **E. Bugeja** |
| | Innu Malti | |

Direttur tal-Banda
Mro. Emm. Bugeja

---

BANDA DUKE OF CONNAUGHT'S — B'KARA

Programm Mużikali

| | | |
|---|---|---|
| 1. Fantasia | Trovatore | **G. Verdi** |
| 2. Fantasia | Carmen | **G. Bizet** |
| 3. Sogno | G. Ratcliss | **G. Ratcliss** |
| 4. Innu | Duke of Connaught's | **G. Brincat** |
| | Innu Malti | |

**Direttur tal-Banda**
**Mro. A. Coleiro**

# OPRI GODDA

## Fl-okkazzjoni tal-Festa tal-
## MADONNA TAL-GILJU, 1982

1. Standard Sekond ġdid tal-Banda rregalat mill-kbir Benefattur tas-Soċjeta' u President Onorarju s-Sur MENU VELLA. Id-disinn u x-xogħol tal-pittura fuq il-ħarir sar mis-Sur Charles Camilleri.
2. Tkomplija tas-sett ta' Pavaljuni għat-Triq S. Basiliu u Triq Valletta.
3. Tiswija ta' l-armar li ġġarrab ħsara bil-Maltemp is-sena l-oħra.
4. Bidu ta' modernizzazzjoni tal-Bottegin tal-Każin tas-Soċjeta'.


**JOSEPH AQUILINA**



231, VICTORY STREET, QORMI — TEL: 47394

Għal kull kwalita' ta' xogħol ta' metal.
Gaġeġ tal-fniek u tat-tiġieġ, trunking u channels għall-elettriku,
landi għad-dulċiera, ferro battuto, xogħol ta' ram, eċċ.
Nispeċjalizzaw fil-kostumi tas-suldati Rumani u f'diversi oġġetti li jintużaw fil-purċissjonijiet.

**R.A.B. FLORA BOUTIQUE**

77 PIETA SEAFRONT — PIETA

Stockists of:

WEDDING GOWNS — HEADDRESSES —
AND ALL OTHER ACCESSORIES FOR THE BRIDE

**BARBARA PRESS**

**(Hdejn il-Mithna tax-Xarolla)**
**Barcellona Lane, Zurrieq**
**Tel. 829629**

L-istamperija li toffrilek l-aqwa inviti moderni taż-żwieġ u l-għerusija,
santi tal-Griżma u tal-Preċett u kull xogħol ta' kulur.
Prezzijiet irħas u xogħol tajjeb f'qasir żmien.

# IL-BANDA TAL-GILJU

Jekk inħallu barra xi tagħrif ċkejken fuq il-Banda tagħna nkunu qed nonqsu bil-kbir, għax wieħed mill-għanijiet tas-Soċjeta' huwa t-tkattir tal-Banda.

Matul is-sena rajna titjib kbir fil-Banda tagħna dovut għall-ħidma tal-bravu Surmast Mro. Jos. Tonna. Wara bosta snin il-Banda Lily marret id-doqq f'irħula oħra; kemm f'Ħal-Kirkop kif ukoll fiż-Żurrieq il-Banda tal-Ġilju ġiet milqugħa tajjeb. Is-sehem tal-Banda għall-Party tal-Milied għat-tfal tal-ħaddiema tal-fabbrika ta' li Stainless Steel ġewwa l-Istitut Kattoliku saret ħaġa regolari.

Għadd ta' stediniet biex il-Banda tmur iddoqq f'postijiet oħra żdiedu ħafna, iżda minħabba li ħafna minn dawn waslulna tard u l-bandisti huma maqluħha biex idoqqu ma baned oħra, kellhom jiġu rrifjutati.

Għal din is-sena fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju, il-Banda se ddoqq dawn il-marċi:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Melita | Maj. A. Aquilina |
| 2. | Maria | Mro. E. Bugeja |
| 3. | Forza Ċensina | Maj. A. Aquilina |
| 4. | Golden Eagle | Mro. J. Barbara |
| 5. | Zorro | Maj. A. Aquilina |
| 6. | Maryann | Mro. P. Schembri |
| 7. | Alexander | Mro. Jos. Tonna |
| 8. | Marvin | Mro. Jos. Tonna |
| 9. | Sorrento | Mro. O. Cachia |
| 10. | El Fantastico | Mro. J. Darmanin |

Dawn il-marċi flimkien ma INNU lil MADONNA tal-ĠILJU xogħol ta' Mro. J. Darmanin u kliem ta' Dun F. Camilleri se jinstemgħu fuq Cable Radio l nhar il-Hadd, 16 ta' Meiju, 1982 fis-2.15 p.m.

**PROGRAMM MUŻIKALI**
**BANDA TAL-ĠILJU**
**15 ta' Mejju, 1982**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Innu | Banda tal-Ġilju | J. Darmanin |
| 2. | Sinfonia | Norma | V. Bellini |
| 3. | Selection | Rigoletto | G. Verdi |
| 4. | Fantasia | Madame Butterfly | G. Puccini |
| 5. | Innu | Lill-Madonna tal-Ġilju<br>Innu Malti | J. Darmanin |

Mro. Jos. Tonna A. Mus. L.C.M.
Direttur tal-Banda


GHAL KULL XORTA TA'
LAVUR FIL-ĠEBEL GHAD-DRITT
Irrikorru:

**CASA MIKLEM**

MISRAH FIDWA — MQABBA.
TEL: 828881